C/2024/3693

10.6.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' Ġunju 2024

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque de France

(BĊE/2024/15)

(C/2024/3693)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Skont l-Artikolu L.142-2 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, il-Kunsill Ġenerali tal-Banque de France jaħtar żewġ awdituri statutorji biex jawditjaw il-kontijiet tal-Banque de France.

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni tal-Banque de France, Mazars u KPMG S.A., intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2023. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2024.

(4) Il-Banque de France għażel lil Mazars S.A. u Deloitte & Associés S.A.S. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2024 sa 2029,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li Mazars S.A. u Deloitte & Associés S.A.S. jinħatru flimkien bħala l-awdituri esterni tal-Banque de France għas-snin finanzjarji 2024 sa 2029.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Ġunju 2024.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE